MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 537/2002/1

**John Mary Bugeja esercjenti l-kummerc taht l-isem ta' JB Construction**

**vs**

**SA Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi s-socjeta` konvenuta nkarigat lill-attur nomine sabiex jesegwixxi diversi xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq parti mill-progett maghruf ahjar bhala Porto Maso proprjeta` ta' terzi, liema xoghlijiet gew esegwiti fl-interita` taghhom mill-attur nomine;

Illi minkejja l-fatt illi dawn ix-xoghlijiet tlestew kif gia ndikat u s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas il-prezz dovut ta’ Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltija) ghar-rigward ta’ l-istess xoghlijiet hekk esegwiti fuq ordnijiet taghha, baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont hu cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 – 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u in vista ta’ l-affidavit anness mac-citazzjoni a tenur ta’ l-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talab illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti, b’dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 – 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltija) prezz ta’ xoghol lilha res fuq ordnijiet taghha stess bl-imghax legali sal-gurnata tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-ittra legali u dik ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn John Mary Bugeja u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

---------------------------------TMIEM---------------------------------